**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 11 ta' Lulju 2024**

**Rikors Numru 97/2023**

**Mario Tonna**

**Vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Mario Tonna** ippreżentat fis-16 ta' Awwissu 2023, li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

A. ***<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>***

1. *Permezz ta' ittra ffirmata mill-Kummissarju tal-Pulizija, bin-numru ta' referenza: GHQ/WO/03853/2023 u datata nhar il-25 ta' Lulju 2023 (Dok. A), l-appellant ġie nformat li l-liċenzja tiegħu ta' 'Sparatur bil-Mira A' ġiet revokata għal raġunijiet ta' sigurta' pubblika u individwali u dana ai termini tal-artikolu 32A(b) tal-Atti dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. *B'din l-ittra, l-appellant ġie notifikat nhar is-7 ta' Awwissu 2023;*

3. *L-istess ittra taqra li r-revoka saret wara illi ġew ikkunsidrati inċidenti li seħħew fl-ewwel (1) ġimgħa ta' Ġunju u fit-30 ta' Ġunju 2023.*

4. *L-appellant ħass ruħu aggravat b'din id-deċiżjoni u b'hekk qiegħed jinterponi dan l-umli appell quddiem dan l-Onorabbli Tribunal.*

5. *L-aggravju tal-appellant huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:*

B. ***<u>L-Aggravju tal-Appellant</u>***

6. *Fl-ewwel lok jingħad li l-inċidenti msemmija fl-ittra su indikata, ossia tal-ewwel (1) ġimgħa ta' Ġunju u ta' nhar it-30 ta' Ġunju 2023, kienu limitatament jinvolvu diverbji verbali bejn l-appellant u martu. F'dawn id-diverbji – kif jattestaw anke r-rapporti tal-Pulizija relattivi li ġew intavolati – la ssemmew armi u wisq inqas intużaw armi tan-nar.*

7. *Filfatt, kif anke jistgħu jikkonfermaw l-uffiċjali tal-Pulzija li elevaw l-armi relattivi, tali armi ġew elevati b'mod prekawżjonarju w purament għal fini ta' safe-keeping u mhux għax b'xi mod intużaw jew altrimenti għaliex tali armi servew ta' aċċessorji fit-twettiq ta' reat kriminali.*

8. *Għal fini ta' kjarezza u kronoloġija, jiġi preċiżat li tali armi ġew elevati minn ġewwa residenza tal-appellant fl-inċident li seħħ nhar it-30 ta' Ġunju 2023 u mhux qabel. F'dan l-inċident, mart l-appellant, b'mod insidjuż u għal kollox bla bażi, wara li kienet hija stess li bi kiem minaċċjanti ttentat tinduċi lill-appellant jieħu ħajtu b'idejh u/jew jweġġa lilu nnifsu, iddeċidiet b'qerq li tirraporta lil Pulizija li l-istess appellant ser jagħmel suwiċidju meta' dan ma kien minnu xejn. Kienet ukoll mart l-appellant, bħala parti minn dan ir-rapport qarrieqi, li talbet lill-Pulizija jelevaw l-armi ta' żewġha.*

9. *Il-Pulizija dakinhar ħadu dan ir-rapport bis-serjeta' u b' diliġenza rrikorrew fir-residenza tal-appellant u martu ossia ġewwa 'Maisonette A2, Urban Square, Triq Pietru Xuereb, Pieta' u magħhom ġew ukoll varji infermiera u tobba sabiex jieħdu l-azzjoni meħtieġa u neċessarja.*

10. *Pero' kif waslu fil-fond supra-indikat, kullħadd intebaħ li dak rapportat lilhom minn mart l-appellant kien falz u qarrieqi stante li l-appellant ma kienx fl-istat deskritt lilhom minn martu. Tant hu hekk li wara li saru l-verifiki mediċi neċessarji mit-tobba u l-infermiera u wara li anke l-appellant ttieħed l-Isptar Mater-Dei fl-istess jum, huwa ġie ċertifikat bħala li kien f'qagħda mentali u psikika normali u mkien ma rriżulta li huwa f'xi mument ikkontempla u/jew kien propens li jieħu ruħu b'idejh u/jew iweġġa lilu nnifsu.*

11. *Madanakollu, l-appellant ottempra ruħu bis-sħiħ mal-ordni lilu mogħtija mill-Pulizija sabiex jiġu meħuda u miżmuma l-armi tan-nar tiegħu għal fini ta' safe-keeping.*

12. *Minn hemm l-appellant, sabiex jikkawtela l-posizzjoni tiegħu, għażel volontarjament li jallontana ruħu mid-dar matrimonjali u jmur jgħix band'oħra.*

13. *Minn hemm ukoll, l-appellant baqa' jiġi segwit mill-psikoterapista privat tiegħu Dr. Charles Cassar li għal darba darbtejn ikkonferma li l-appellant jinsab f'qagħda psikika normali u stabbli u ċertament allura ma hux ta' theddida għas-sigurta' pubblika jew individwali!*

14. *Ma hemmx dubju, fid-dawl tal-premess, li fejn f'ċirkostanzi hekk sensittivi jiġu meħuda armi tan-nar għal fini ta' safe-keeping, tali miżura tkun waħda preventiva u kwindi proporzjonata w ġusta. Tkun pero' miżura altament drastika, sproporzjonata u arbitrarja d-deċiżjoni li tiġi revokata l-liċenzja tad-detentur ta' arma tan-nar meta tali detentur, fl-episodji jew inċidenti konċernati, la qatt semma u wisq anqas uża armi tan-nar.*

15. *Tali miżura deċiżjorja tkun qegħda toħloq preċedent ikrah u ikrah ferm għaliex tkun qegħda litteralment tfisser li kull individwu li jkollu xi jgħid ma xi ħadd, ikun min ikun dan ix-xi ħadd, il-liċenzja tal-armi tan-nar tiegħu sejra' tiġi revokata – inkluż meta' l-armi tan-nar jkunu kompletament estraneji mill-argoment jew diverbju li jkun inqala.*

16. *Ċertament dan ma għandux ikun.*

17. *Issa r-revoka de quo hija msejsa fuq id-dispost tal-artikolu 32A(b) tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta ossia revoka "għal raġuni ta' sigurta' pubblika jew individwali". Pero' b'kull rispett, ġenwinament ma hux mifgħum kif qiegħed jiġi ribadit li l-appellant, qua detenur leġittimu ta' arma tan-nar, b'xi tiġbid tal-immaġinazzjoni ħoloq theddida ta' sigurta' pubblika jew theddida individwali meta' l-armi tan-nar tiegħu la ssemmew u wisq inqas intużaw fl-inċidenti rapportati!*

18. *Huwa nkonċepibbli wkoll kif ir-revoka hija msejsa fuq raġunijiet ta' sigurta' pubblika meta' l-appellant qatt ma ġie ċertifikat bħala li jbati minn xi problemi psikoloġiċi – anzi bil-kontra!*

19. *Jiġifieri allura kull individwu li jkun involut f'argoment jew diverbju u tali individwu jinserta' detentur ta' liċenzja ta' arma tan-nar, jkun ifisser li tali liċenzja ser tiġi dejjem u bilfors revokata?*

20. *Huwa kompletament inkonċepibbli kif fi stadju fejn l-appellant għadu lanqas biss affaċja akkużi kriminali – multo magis akkużi kriminali taħt il-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta – ġie deċiż li l-liċenzja tal-armi tiegħu qegħda tiġi, mhux sospiża, iżda addirittura revokata.*

21. *Jiġi mfakkar, f'dan l-isfond, li d-dispost tal-artikolu 32A tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti l-fakolta' lill-Kummissarju tal-Pulizija mhux biss li jirrevoka iżda wkoll li jissospendi liċenzja tal-armi. Li tiġi sospiża liċenzja ta' arma meta fl-inċidenti konċernati lanqas biss issemmew jew intużaw armi, wkoll hija miżura drastika, aħseb u ara li tiġi revokata u dana tenut kont illi:*

i. *L-inċidenti konċernati jiċċentraw limitatament fuq diverbji verbali bejn l-appellant u martu;*

ii. *Ir-rapporti magħmula minn mart l-appellant, partikolarment dak ta' nhar it-30 ta' Ġunju 2023, kien wieħed falz u qarrieqi;*

iii. *F'dawn l-inċidenti, kif jista' jiġi verifikat mir-rapporti tal-Pulizija relattivi, la ssemmew u wisq inqas intużaw armi tan-nar;*

iv. *L-armi tan-nar leġittimament miżmuma mill-patroċinat tagħna ġew elevati biss għal fini ta' safe-keeping;*

v. *Akkużi kriminali kontra l-patroċinat tagħna sa issa għad ma hemmx;*

vi. *Jekk ser ikun hemm akkużi kriminali, tali akkużi huma kompletament estraneji minn kwalsiasi użu jew żamma ta' armi tan-nar u kwindi ma jikkonċernawx il-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta.*

vii. *L-appellant ġie ċertifikat bħala li jinsab f'qagħda psikika normali.*

22. *Għal dawn il-motivi, l-appellant jtenni li r-revoka tal-liċenzja relattiva tal-armi tiegħu hija waħda arbitrarja, drastika w sproporzjonata u b'hekk tali imposizzjoni timmerita reviżjoni.*

***Talba**:*

23. *Għaldaqstant, l-appellant, filwaqt li qiegħed jinterponi dan l-umli appell mid-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija ta' nhar il-25 ta' Lulju 2023 li permezz tagħha ġiet revokata l-liċenzja tiegħu ta' 'Sparatur bil-Mira A' ai termini tal-artikolu 32A(b) tal-Atti dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, l-appellant jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jirriforma d-deċiżjoni appellata u dana billi jħassar u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija ta' nhar il-25 ta' Lulju 2023 supra msemmija, b'riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-appellant skont il-liġi u bl-ispejjeż kontra l-appellat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.*

Ra d-digriet tas-27 ta' Frar 2024 fejn ġiet sfilzata r-risposta tal-Kummissarju intimat stante li din ġiet ippreżentata *fuori termine;*

Ra illi fl-istess seduta t-Tribunal issolleva *ex officio* t-tardivita` tal-preżentata tal-appell tar-rikorrent;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet fuq dan il-punt;

Ra n-Nota ta' Referenzi tal-Kummissarju tal-Pulizija ppreżentata fil-15 ta' Marzu 2024;

Ra n-Nota ta' Referenzi tar-rikorrent ippreżentata fl-1 ta' April 2024;

Ra li r-rikors tħalla għal sentenza sabiex jiġi deċiż jekk l-appell hux wieħed tardiv jew le.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 25 ta' Lulju 2023 u notifikata lilu fis-7 ta' Awwissu 2023 u li permezz tagħha ġie mgħarraf bis-segwenti:-

***Għandi ninfurmak ukoll illi l-liċenzja ta' Sparatur bil-Mira A qed tiġi revokata għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika u individwali u dan skond***

***ma' hemm maħsub fl-Artikolu 32A(b) tal-Att dwar l-Armi, Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta.***

***Dan kollu qiegħed iseħħ wara illi ġew ikkunsidrati inċidenti li seħħew fl-ewwel ġimgħa ta' Ġunju u fit-30 ta' Ġunju, 2023.***

Għaldaqstant, fis-16 ta' Awwissu 2023 huwa pproċeda biex intavola l-appell odjern **ai termini tal-artikolu 25 (2) tal-Att Dwar l-Armi (Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta)**.

Illi artikolu 25 (2) tal-Att Dwar l-Armi jistipula s-segwenti, u ċioe`:

*"Kull min iħoss ruħu aggravat b'deċiżjoni tal-Kummissarju li tkun ittieħdet skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1)*[1] *jista' jappella quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fi żmien sebat ijiem minn meta jingħata avviż bil-miktub tar-rifjut mill-Kummissarju."*

Illi jekk dan l-artikolu huwa applikabbli, allura r-rikorrent kellu sal-14 ta' Awwissu 2023 sabiex jintavola dan l-appell. Mit-timbru fuq ir-rikors promutur jirriżulta illi l-istess rikors ġie ppreżentat fis-16 ta' Awwissu 2023.

Id-difensur tar-rikorrent, fis-sottomissjonijiet orali saħaq illi għalkemm fl-intestatura tar-rikors ġie ċitat l-artikolu 25 (2) tal-Kapitolu 480, dan ma kienx applikabbli fil-każ odjern għax dan ma kienx każ ta' rifjut ta' għoti ta' liċenzja iżda revoka tal-liċenzja miżmuma mir-rikorrent. Huwa saħaq ukoll li wieħed irid iħares lejn it-talba aħħarija li ġiet postulata ai termini tal-artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jistipula terminu ta' sitt (6) xhur entro liema seta' jitressaq dan l-appell.

Min-naħa l-oħra, d-difensur tal-Kummissarju intimat issottometta illi m'hemm ebda dritt ta' appell quddiem dan it-Tribunal jekk il-liġi *ad hoc* ma taħsibx għal tali eventwalita` u kwindi r-rikorrenti ma jistax isalva r-rikors tiegħu billi sempliċement jgħid illi r-rikors ġie ntavolat ai termini tal-artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidra:**

Illi huwa fatt inkontestat illi d-deċiżjoni tal-Kummissarju intimat kienet tirrigwarda revoka ta' liċenzja ta' Sparatura bil-Mira A. Huwa fatt inkontestat ukoll illi artikolu 25 (2) tal-Kapitolu 480 jagħti dritt ta' appell għal min ikollu l-applikazzjoni tiegħu għal tali **liċenzja rifjutata**. Minn qari tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 480 jirriżulta illi dan it-Tribunal ġie adit

[1] Rifjut tal-ghoti ta' licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija

bil-kompetenza li jirrevedi deċiżjonijiet tal-Kummissarju intimat meta dan **jirrifjuta** li joħroġ liċenzja ai termini tal-istess Att, pero` mhux meta liċenzja tiġi sospiża jew revokata.

Illi kif ġia ingħad iktar ‘il fuq, id-difensur tar-rikorrent issottometta illi l-appell ġie ntavolat ai termini tal-ġurisdizzjoni ġenerali li għandu dan it-Tribunal skont l-artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta’ Malta. It-Tribunal jirrileva illi huwa m’għandux ġurisdizzjoni ġenerali biex jirrevedi l-atti amministrattivi kollha tal-amministrazzjoni pubblika. Il-kompetenza tiegħu hija delineata minn Artikolu 5 tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta’ Malta li jgħid is-segwenti, u ċioe`:

> *(1) Qiegħed jiġi stabbilit skond id-dispożizzjonijiet ta’ din it-Taqsima ta’ dan l-Att tribunal indipendenti u imparzjali, li jkun magħruf bħala t-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva, bl-iskop li jkun jista’ jirrivedi atti amministrattivi istitwiti quddiemu skond dan l-Att jew kull liġi oħra, u bl-iskop tal-eżerċizzju ta’ kull kompetenza oħra attribwita lit-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva b’din il-liġi, jew taħt din il-liġi, jew xi liġi oħra, kemm qabel kemm wara li jidħol fis-seħħ dan l-Att.*
>
> *(2) It-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva ma jkollux kompetenza ġenerali li jirrevedi atti amministrattivi li jistgħu jiġu riveduti skont l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili iżda jkollu l-kompetenza li jirrevedi dawk l-atti amministrattivi kif jista’ jiġi preskritt f’dan l-Att jew taħtu jew kull liġi oħra li tistabbilixxi l-kompetenza tat-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva fuq xi klassi ta’ atti amministrattivi.*

Illi mbagħad artikolu 7 tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta’ Malta jgħid is-segwenti, u ċioe`:

> *(1) It-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva għandu jkun kompetenti li jirrivedi atti amministrattivi tal-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta’ liġi u ta’ fatt.*
>
> *(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5 u fejn xi liġi speċjali tassenja kompetenza lit-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva u sakemm xi dispożizzjoini tal-liġi ma tippreskrivix xi terminu perentorju għall-preżentata ta’ xi talba għar-reviżjoni mit-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva, talba biex jiġu riveduti atti ta’ amministrazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika taħt dan l-Att għandha tiġi preżentata fi żmien sitt xhur mid-data meta l-parti*

*interessata ssir taf jew setgħet issir taf b'dak l-att amministrattiv, liema minnhom ikun l-aktar kmieni.*

Illi s-subinċiż (2) tal-artikolu 7 ċitat mid-difensur tar-rikorrent ma jagħtix ġurisdizzjoni ġenerali lil dan it-Tribunal iżda jiggwida lil persuna aggravata li skont il-liġi speċjali jkollha dritt tappella quddiemu, entro liema żmien trid tippreżenta l-appell tagħha f'każ li l-liġi speċjali ma tippreskrivix tali terminu. Dana pero` ma jfissirx illi jekk il-liġi speċjali ma tadixxix lil dan it-Tribunal bil-kompetenza li jirrevedi atti amministrattivi magħmula taħt l-istess liġi, allura dan it-Tribunal xorta huwa adit b'tali kompetenza. Kwindi dan it-Tribunal ma jikkondividix dak sottomess mid-difensur tar-rikorrent. Sabiex jiġu riveduti atti li ma jaqgħux fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal jibqgħu dejjem toroq legali oħra li persuna aggravata b'deċiżjoni amministrattiva tista' tieħu.

Illi f'dan il-każ, il-kompetenza li għandu dan it-Tribunal ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta hija limitata **<u>biss biex jisma' appelli minn deċiżjonijiet ta' rifjut ta' liċenzji.</u>** Dan it-Tribunal ma jistax jgħid jekk dan sarx bi svista jew le, u dana għaliex ma jagħmilx wisq sens li jista' jisma' appelli minn rifjut iżda mhux minn revoka jew sospensjoni. Pero` l-fatt jibqa' illi l-liġi speċjali ma tagħtih ebda setgħa jisma' appelli minn revoka jew sospensjoni ta' liċenzja.

Illi filwaqt li t-Tribunal huwa konxju li din is-sentenza titratta dwar it-tardivita` o meno tal-appell tar-rikorrent, kien neċessarju li jidħol fil-kwistjoni tal-kompetenza għaliex iħoss li tinċidi fuq il-kwistjoni tat-terminu li fih wieħed għandu jippreżenta l-appell.

Dwar il-kwistjoni tat-tardivita`, it-Tribunal jinnota illi minkejja li din il-kwistjoni tat-tardivita` tal-appell ġiet sollevata fis-seduta tas-27 ta' Frar 2024 u ħalla l-kawża għal trattazzjoni fuq dan il-punt għas-seduta tal-14 ta' Marzu 2024, ir-rikorrent fl-ebda ħin ma talab li ssir korrezzjoni ta' dak li nkiteb fl-intestatura tar-rikors. Dan minkejja li fit-trattazzjoni orali ġie ammess li l-artikolu tal-liġi ċitat fit-testatura tar-rikors mhux applikabbli għall-każ in diżamina.

It-Tribunal, filwaqt li ħa dan kollu in konsiderazzjoni, ma jistax jagħlaq għajnejh u jqis li tali artikolu ma ġiex ċitat jew li ma jifformax parti mill-korp tar-rikors tar-rikorrent. Illi r-rikorrent kellu kull opportunita` jitlob għal korrezzjoni jekk ħass li ċċita xi artikolu tal-liġi ħażin. Issa ladarba dan ma sarx, it-Tribunal ma jistax jinjora dak li r-rikorrent ħass li kellu jibqa' jifforma parti mir-rikors promutur.

Għaldaqstant it-Tribunal iqis li r-rikors tal-appell intavolat a tenur tal-artikolu 25 (2) tal-Att Dwar l-Armi ġie ntavolat oltre s-sebat (7) ijiem stipulati fil-Liġi.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, qiegħed jiddeċiedi illi l-appell intavolat mir-rikorrent fis-16 ta' Awwissu 2023 ġie intavolat *fuori termine* u konsegwentement jiddikjara l-istess rikors bħala irritu u null.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

______________________________

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

________________

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**